

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar id-disseminazzjoni u l-użu ta' teknoloġija intrusivi ta' sorveljanza

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, il-FR u l-DE fuq il-websajt tal-KEPD www.edps.europa.eu)

(2016/C 79/04)

F'din l-opinjoni, il-KEPD jindirizza kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza mqajma mit-tixrid u l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza intrużivi. L-użu ta' dawn l-għodod awtomatikament jindika l-ipproċessar ta' data personali u intrużjoni possibbli tal-privatezza: l-għan ewlieni ta' għodod ta' sorveljanza intrużiva huwa li jinfiltraw b'mod remot is-sistemi tal-IT (ġeneralment fuq l-Internet), sabiex jiġu mmonitorjati bil-moħbi attivitajiet ta' dawk is-sistemi tal-IT u biż-żmien, id-data tintbagħat lura lill-utent tal-għodod tas-sorveljanza.

Filwaqt li tali għodod jistgħu jkunu strumenti għal użu leġittimu (u regolat) mill-korpi tal-infurzar tal-liġi jew l-aġenziji tal-intelliġenza, huma jistgħu jintużaw ukoll bħala "żwiemel ta' Trojja" biex jevitaw miżuri ta' sigurtà fil-komunikazzjonijiet elettroniċi u fl-ipproċessar tad-data.

It-tensjoni bejn l-użu pożittiv tal-għodod tal-ICT u l-impatt negattiv li l-użu ħażin tat-teknoloġija jista' jkollu fuq id-drittijiet tal-bniedem, u speċjalment fuq il-protezzjoni ta' data personali u privatezza, għandha tiġi indirizzata mill-politiki nazżjonali u tal-UE, u mill-atturi involuti kollha fis-settur tal-ICT (żviluppaturi, fornituri ta' servizzi, bejjieġha, sensara, distributuri u utenti).

F'din l-opinjoni, il-KEPD jipproponi li jindirizza t-theddida magħmula mill-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza intrużivi permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Għandha ssir valutazzjoni tal-istandards eżistenti tal-UE għall-ICTs, bl-għan li tiżdied il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fil-każ tal-esportazzjoni tat-teknoloġija tas-sorveljanza jew tal-interċettazzjoni u servizzi relatati;
- L-użu u t-tixrid (inkluż fl-UE) tal-għodod tas-sorveljanza u l-interċettazzjoni u servizzi relatati, għandhom ikunu soġġetti għal regolamentazzjoni xierqa, b'kunsiderazzjoni għar-riskju potenzjali tal-ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data;
- Il-Kunsill tal-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-EEAS għandhom jiżviluppaw politiki konsistenti u iktar effettivi rigward l-esportazzjoni ta' għodod ta' sorveljanza intrużivi fil-kuntest ta' teknoloġiji li għandhom użu doppju, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali;
- Politiki aġġornati għandhom jirregolaw użu ta' "0-jiem" u vulnerabbiltajiet sabiex jiġi evitat l-użu tagħhom għall-ksur tad-drittijiet fundamentali;
- Il-politiki tal-UE dwar is-sigurtà ċibernetika għandhom jikkunsidraw it-tixrid tat-teknoloġiji tal-interċettazzjoni u s-sorveljanza u jindirizzaw b'mod speċifiku din il-kwistjoni fil-leġiżlazzjoni xierqa;
- Għandhom jiġu mrawma investimenti fis-sigurtà fuq l-Internet u inizjattivi li jinkludu l-privatezza permezz tat-tfassil ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda;
- Għandu jitwaqqaf approċċ konsistenti li jagħti protezzjoni internazzjonali lill-informaturi li jikkontribwixxu sabiex jiġi żvelat ksur tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-użu tat-teknoloġiji tal-interċettazzjoni u s-sorveljanza.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2015.

Giovanni BUTTARELLI

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data